30 ta' Lulju, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Lit., LL.D.

**Carmelo Mifsud *versus* Giuseppe Vella**

**Kompetenza — Appell — Spejjeż Ġudizzjarji — Ittra Uffiċjali — Art. 775 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

***L-inkompetenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati minħabba x-xorta jew il-valur tal-ħaġa li tkun in kwistjoni ma tistax tiġi dikjarata "ex officio" f'Qorti fi grad ta' Appell. Apparti jekk il-Qorti Inferjuri kellhiex jew le tiddikjara ruħha inkompetenti "ex officio", jibqa' l-fatt li dik id-dikjarazzjoni l-Qorti Inferjuri ma għamlithiex; u allura dik id-dikjarazzjoni ma tistax issir mill-Qorti ta' l-Appell.***

*L-appellant seta' talvolta kellu rimedju ieħor biex jimpunja s-sentenza, jekk kien jidhirlu li l-istess ġiet mogħtija minn Qorti inkompetenti.*

*Jekk dik l-eċċezzjoni ma tkunx ġiet sollevata fl-ewwel istanza, ma tistax tiġi sollevata fl-appell.*

*Il-Qorti Inferjuri ma jakkordawx, flimkien ma' l-ispejjeż, u "in via accessoria", l-ispejjeż ta' ittri uffiċjali.*

Il-Qorti; — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta biex tiġi eżegwita kontra l-konvenut is-sentenza mogħtija mill-Board għat-Trażżin tal-Qbejjel fit-13 ta' April, 1954, u biex il-konvenut jiġi kundannat biex effettivament jiżgombra mill-għalqa magħrufa "ta' Ismit" fl-Aħrax tal-Mellieħa, kif kellu jagħmel sal-15 ta' Awissu, 1955 skond l-istess sentenza. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-10 ta' Mejju, 1955, kontra l-konvenut. Għall-fini tal-kompetenza ġie dikjarat illi l-qbiela tal-għalqa in kwistjoni hi inferjuri għal £10 fis-sena;

Rat dak li ġie verbalizzat fis-seduta ta' l-14 ta' Ġunju, 1955, jiġifieri illi l-konvenut eċċepixxa illi l-attur ma għadux proprjetarju tal-fond imsemmi fl-avviż, u għalhekk ma jistax jitlob l-iżgumbrament tiegħu; kif ukoll illi l-partijiet huma "d'accordo" illi l-għalqa msemmija fl-avviż hi "portion 14";

Rat is-sentenza ta' l-imsemmija Qorti tat-28 ta' Ġunju, 1955, li biha laqgħet it-talba ta' l-attur, u tat lill-konvenut biex jiżgombra sa' l-14 ta' Awissu, 1955, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, barra dawk ta' l-ittra uffiċjali msemmija fl-avviż, li għalihom ġiet riżervata lill-attur kull azzjoni "si et quatenus"; billi l-istess Qorti kkunsidrat;

Illi l-għalqa msemmija fl-avviż ġiet mill-Gvern konċessa in enfitewsi fil-15 ta' Awissu, 1855, għal 99 sena. B'kuntratt tat-8 ta' Novembru, 1945, pubblikat minn Nutar Emmanuele Agius, l-attur xtara l-utili dominju għaż-żmien li kien fadal ta' l-istess għalqa mingħand Giovanni Vella, li kien ipperivjena lilu fid-diviżjoni tal-wirt ta' missieru Giuseppe Vella, magħmula fit-8 ta' Jnar, 1927, permezz ta' l-istess nutar. Il-konvenut allura, bħala konduttur ta' l-istess għalqa, beda jħallas il-qbiela lill-attur;

Illi, bħal ma jidher mill-kopja tad-deċiżjoni mogħtija mill-Board għat-Trażżin tal-Qbejjel fit-13 ta' April, 1954, il-konvenut ġie *ordnat jiżgombra* mill-għalqa f'Santa Marija, 1954;

Illi l-attur issa, bil-preżenti avviż, qiegħed jitlob l-iżgumbrament tal-konvenut mill-istess għalqa; u l-unika eċċezzjoni sollevata minn dana hu illi l-attur ma għadux il-proprjetarju tal-għalqa. Din l-eċċezzjoni, però, ma hijiex fondata; għaliex, għalkemm iż-żmien taċ-ċens għalaq, id-devoluzzjoni tal-fond lill-padrun dirett għadha ma saretx, u dan għadu f'idejn l-attur. Issa, biex wieħed jitlob l-iżgumbrament ta' inkwilin minn fond, ma hemmx bżonn li jkun proprjetarju, imma biżżejjed ikun lokatur tal-fond. L-attur hu l-lokatur, u għalhekk jista' jeżerċita l-azzjoni minnu l-lum esperita b'dan l-avviż kontra l-konvenut;

Illi fil-meritu l-konvenut ma ġieb xejn kontra t-talba ta' l-attur;

Illi fuq il-kap ta' l-ispejjeż, l-attur fl-avviż talab, ma' l-ispejjeż ta' l-istess avviż, anki dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-10 ta' Mejju, 1955. Imma fil-Qorti Inferjuri ma humiex akkordati, "in via accessoria", l-ispejjeż inkorsi għall-ittri uffiċjali (ara sentenza Prim'Awla 22 ta' Mejju, 1903, "Sammut vs. Briffa", Kollez. Vol. XVIII-II-302; u Appell 14 ta' Marzu, 1927, "Mangion et. vs. Gouder et.", Kollez. Vol. XXVI-I-740);

**Rat** in-nota ta' l-appell u ċ-ċitazzjoni tal-konvenut, li biha jitlob ir-revoka ta' dik is-sentenza; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-konvenut appellant qiegħed f'din l-istanza jeċċepixxi l-inkompetenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati għal żewġ raġunijiet, jiġifieri illi l-imsemmija Qorti ma setgħetx tieħu konjizzjoni tal-kawża, u kienet inkompetenti li tiddeċediha, tant "ex officio", minħabba n-natura tad-domanda ta' l-attur fiha innifisha, għaliex is-sentenza per sè, li tagħha l-attur talab l-eżekuzzjoni, hi ta' valur indeterminat, kemm "ope exceptionis", għaliex huwa kien issolleva din l-eċċezzjoni quddiem l-Ewwel Qorti;

Illi din l-eċċezzjoni mhix sostenibili. Tabilħaqq, b'rigward ta' l-ewwel raġuni sottomessa mill-appellant, apparti li jekk l-Ewwel Qorti kellhiex jew le tiddikjara ruħha "ex officio" inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża minħabba n-natura tad-domanda ta' l-attur, hu fatt illi dik id-dikjarazzjoni l-istess Qorti ma għamlithiex; u din id-dikjarazzjoni ma tistax issa ssir minn din il-Qorti, għaliex hi liġi espressa illi l-eċċezzjoni ta' inkompetenza minħabba x-xorta jew il-valur tal-ħaġa li tkun fil-kwistjoni ma tistax tiġi dikjarata "ex officio" f'Qorti fi grad ta' appell (art. 775 Kap. 15). L-appellant seta', talvolta, kellu rimedju ieħor biex jimpunja l-imsemmija sentenza, jekk kien jidhirlu illi l-istess ġiet mogħtija minn Qorti inkompetenti. Rigward imbagħad it-tieni raġuni sottomessa mill-appellant, minn imkien ma jidher illi huwa ssolleva dik l-eċċezzjoni quddiem l-Ewwel Qorti; b'mod illi din l-eċċezzjoni qegħedha tiġi sollevata l-ewwel darba f'din l-istanza; liema ħaġa huwa ma jistax jagħmilha, għaliex, skond id-dispożizzjoni tal-liġi ġa ċitata, l-eċċezzjoni ta' inkompetenza minħabba x-xorta jew il-valur tal-ħaġa li tkun fil-kwistjoni ma tistax tingħata f'Qorti fi grad ta' appell;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata mill-konvenut appellant, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u tiddifferixxi l-kawża, għat-trattazzjoni ulterjuri tagħha, għas-seduta tas-17 ta' Settembru, 1955.